MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Rikors Ta Revoka Numru. 177/2011

**Daphne Gargano**
**vs**
**Domenico Gargano**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Domenico Gargano tal-1 ta' Gunju 2011;

Rat id-digriet taghha tal-istess jum ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimata b'erbat ijiem ghar-risposta;

Rat ir-risposta tal-intimata tat-8 ta' Lulju 2011;

Rat l-atti kollha inkluz ir-rikorsi u digrieti li saret referenza ghalihom mill-partijiet.

**Ikkunsidrat**
Illi r-rikorrenti qed jipprova jirrevoka mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 246/2010 liema talba gia saret precedentement mill-istess rikorrenti dwar l-istess

mandat, izda bla success, fl-atti tar-rikors revoka bin-numru 430/2010 fejn il-Qorti cahdet talba analoga jew kwazi identika ghal dik odjerna b'digriet fit-18 ta' Marzu 2011.

Illi kif gie rilevat abilment mid-difensur legali tal-intimata, din il-Qorti mhix marbuta rigorosament mal-principju tal-gudikat f'din il-materja pero b'daqshekk ma jfissirx li hu lecitu ghal parti li taghmel l-istess talba ripetutament bl-isperanza li jinstab gudikant li jakkolji dak li gudikanti ohra cahdulu.  Ma jfissirx b'daqshekk illi jekk jinqalghu cirkostanzi ohra serji mhux previsti precedentement ghandu jigi michud id-dritt tal-perusna aggravata li tinstema mill-Qorti izda bl-istess mod dan ma ghandux jigi estiz ghal argumentazzjoni gdida fuq l-istess mertu meta forsi dan l-argument ma jkunx ingieb 'l quddiem meta kien hemm il-possibilita li jsir cioe fir-rikors li jkun gie michud.

Dak hu li l-Qorti qed tirravisa li qed jigri f'dan il-kaz.  Din il-Qorti mhix Qorti ta' revizjoni u ghalhekk ma ghandhiex xi zzid, tnaqqas jew tbiddel minn dak li qalet il-Qorti diversament preseduta meta gie michud ir-rikors revoka fit-18 ta' Marzu 2011.  Ir-rikorrenti ma gab ebda prova gdida tali li tbiddel dak gia deciz minn din il-Qorti diversament preseduta u ghalhekk qed tichad it-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-mandat 246/2010, bl-ispejjez kontra tieghu salv u impregudikat id-drittijiet tal-partijiet fil-mertu tal-kwistjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------